Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

L-Għaxar Leġislatura

Laqgħa Numru 32

24 t' Awissu 2026

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 24 t' Awissu 2026 fl-4:30 pm.

PREŻENTI:

Clive Pulis -	Sindku
Anthony Bonavia -	Viċi Sindku
Malcolm Gatt -	Kunsillier
Mario Gauci -	Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Joeline Attard - Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 32 għal-għaxar leġislatura

32.1	**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
	Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sa. Joline Attard li illum hija skużata għal din il-laqgħa Nru .32.2026
32.2	**Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti**
32.02.1	Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 31, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia wara korrezzjoni tal-minuta nru 31.04.11 SPI.SCI.04.2026. Dan il-proġett ġie diskuss fit-28 ta' April 2026, kif jidher minn minuta 26.03.22. F'din il-laqgħa, is-Sindku infurma lill-kunsilliera li ltaqa' mal-iskultur biex jitħejja statwa ta' La Sengle, b'parti mill-fondi li se jiġu mill-UIF biex is-servi ta' dan il-proġett u parti mill-iskema SPI.SCI.04.2026 – Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. L-iskultur għandu jiskulpa mudell żgħir tal-istatwa sabiex il-kunsill jista' jara kif se jidher il-prodott finali. Is-Sindku rrepetiex mal-kunsilliera biex jingħataw l-approvazzjoni tagħhom fuq dan il-pjan u għadda li l-istatwa tkun postata quddiem il-Mina tad-daħla tal-Isla, fuq il-bankina wiesgħa. Il-kunsilliera preżenti qablu fuq dan il-pjan u riedu li l-istatwa ssir skond dak li ġie propost.
32.3	**Kommunikazzjoni mis-Sindku**
32.03.01	Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjoni dwar il-laqgħa li kellu mas-Sa. Sciberras mill-lands u l-perit tal-kunsill dwar l-agreement tal-Belveder fejn irrid jiġi irranġat u jsiru pjanti ġodda għaliex ma kienx imsemmi is-sala tal-Forti San Mikiel.
32.03.02	Is-sindku informa lil kunslliera li għal jiem tal-festa is-Sur Casingena ser joffri s-servizz tiegħu volontarju sabiex juża l-vann tal-kunsill biex iwassal lil anzjani għall-knisja għan-novena tal-Bambina.
32.03.03	Is-sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv saret laqgħa fl-uffiċċju tal-arċipriet dwar l-għeluq tat-toroq fil-festa u l-permessi tal-festa.

32.03.04	Is-sindku informa lil kunsilliera li l-permessi tal-posti tal-festa għandhom jidħlu sa l-aħħar t' Awissu 2026 sabiex jintbgħatu lil puluzija.
32.03.05	Is-Sindku informa lil kunsilliera sabiex jerġgħu iressqu s-suġġerimenti tagħhom dwar il-murals fil-Pjazza Adrea Debono sabiex ngħaddu is-suġġerimenti lir-Reġjun Port. Is-Sur Bonavia issuġġerixa li jitpenġu logħob antik bħal-boċċi u pasju. Is-Sur Mario Gauci issuġġerixa xeni mill-gwerra fit-tifrik tal-gwerra.
32.03.06	Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jinġabru kwotazzjonijiet sabiex issir l-AC tal-librerija għaliex li hemm mhux ikessaħ.
32.03.07	Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti t-toroq li għad baqa' jsir fil-lokalita' tal-Isla li huma : Triq il-kurċifiss, Triq D'homedes, Triq San Mikiel u Triq il-Ponta dawn għandhom jinbdew wara l-festa tal-Vitorja.
32.03.08	Is-Sindku kellem lis-sagristan sabiex jieħu ħsieb il-fjuri għaż-żmien il-Bambina, sabiex jagħmel tal-Kunsill tal-Birgu, tal-Kunsill ta' Bormla, tal-Kunsill tal-Kalkara u tar-Reġjun Port. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan.
32.03.09	Is-Sindku issuġġerixa li jinġab van tal-BCRS fir-regatta sabiex il-flus tal-fliexken li jissarfu jmorru għal-għaqda ta' Puttinu. l-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.
32.03.10	Is-Sindku ressaq bagħat ll president tal-għaqda tad-dagħjjesminn għand l-għaqda tad-dagħajjes sabiex issir ittra bejn il-kunsill u l-għaqda tad-dagħajjes sabiex il-boroż is-suwed joħduhom magħhom id-dar u mhux iħalluhom fit-triq kif jinżlu mid-dagħjsa. Din l-ittra għandha tintbat lil membri kollha tad-dagħajjes.
32.03.11	Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-cameras li hemm barra l-mina tax-xatt hija mil-fondi tal-Greco fejn qed tiġbor data kemm qed jidħlu karrozzi. Is-Sindku qed jissuġġerixi sabiex il-kunsill jara jekk din il-camera tistatx titqabad mal-lesa wara li jitlesta l-proġett. Dawn il-cameras jiswew madwar 16,000 bħala kirja għaliex dawn qeghdin hemm biex jinġabru d-data.
32.03.12	Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li iltaqa' mal-kap tal-iskola l-ġdida is-Sa. Annabelle Gaffarena. L-iskola ser tiftaħ fit-30 ta' Settembru u s-sindku qed jissuġġerixi li jerġgħu jilqgħu t-tfal tal-iskola bil-banda bħas-sena l-oħra. il-Kunsilliera approvaw ma din l-attivita. is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsilliera is-Sa. Joline Attard qed tikkordina mal-iskola dwar l-attivita tal-code week bħas-snin ta' qabel li din is-sena ser issir fis-16 t' Ottubru 2026.

32.03.13	Is-Sindku reġa' ressaq l-imejl minn għand The Note Book Centre biex jerġa jsir l-arranġament u jsir b' xejn dawn is-servizzi: • Back Up • Formatting • General servicing • Physical Cleaning • Antivirus Software installation • Virus Removal Is-Sindku qal li s-sena l-oħra ma saritx u l-membership ta' din hija ta' 2500 ewro għal sena. Is-segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hemm membership oħra xi titħallas. Is-sindku qal li jiddiskutu mal-kumpanija the note book centre u issir bil-vouchers għall kull persuna.
32.03.14	Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv resqgħu membership mill Focus Europe dwar applikazzjonijiet ta' proġetti tal-Ewropa. din ser titħallas bħas snin preċedenti. Kunsilliera preżenti qablu ma dan il-ħlas tas-sħubija ta' 1000 ewro.
32.03.15	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-approvazzjoni datata 19 t' Awissu 2026 mill-Assaċjazzjoni sabiex is-sindku, is-segretarju eżekuttiv, il-kunsillier Malcolm Gatt u l-kunsilliera s-Sa. Joline Attard imorru Barcelona għal ftuħ tal-Expo World Congress mit-3 sal-5 ta' Novembru 2026.
32.03.16	Is-Sindku informa li fit-12 ta' Novembru 2026 ser issir ċerimonja ma tal-EKoSkola – Green Flag Award Ceremony Towards 2050 : Our Ideas. Our Commitment.Our Actions ġewwa ix-Xara Lodge Ir-Rabat dawk li huma interessati huma mitluba li jinfurmaw lil Assoċjazzjoni sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 30 t' Ottubru 2026.
32.03.17	Is-Sindku ressaq imejl sabiex nibgħatu ritratt tal-Google maps fejn ser issir l-animal park fi Triq is-sur.
32.03.18	Is-Sindku ressaq imejl mill-Id Card Department minn għand is-Sur Joe Rivans sabiex il-kunsill issellef l-librerija jew is-sala tal-kunsill biex issiru l-Id Cards il-ġodda dawk li huma skaduti. Dan ser issir fit-22 ,23 u 24 t' Ottubru 2026 mit-8:00am sal-5:00pm.
32.03.19	Is-Sindku informa lil kunsilliera li huwa flimkien mas-segretarju eżekuttiv għandhom konferenza fil-25 t' Awissu 2026 fejn ser issir iffirmar ta' xogħol tal-Public Works sabiex meta jkun hemm xogħolijiet żagħar il-kunsill japplika bis-sistema tal-public works. Il-Kunsill ser japplika sabiex issir il-letrini tax-xatt minn ġewwa u xogħolijiet tal-Gardjola.

32.03.20	Is-sindku informa li x-xogħolijiet minn fuq barra tal-letrina il-kuntrattur għandu jiġi jiffirma l-kuntratt. It-tender ittieħdet mil-kuntrattur tat-Trihills. il-Kuntrattur għandu jġib il-garanzija mill-bank. Is-sindku issuġġerixa li jinqala l-ħadid ta' quddiem il-bust sabiex jidher aktar attrajenti. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan.
32.03.22	Is-Sindku ressaq imejl dwar programm ġdid li jismgħu LOKALITAgħna li ser jintwera fuq TVM fejn ser ikun hemm intervista fuq ix-xogħolijiet li saru fil-lokalita' tal-Isla dan ser jiġi irrekordjat fit-28 ta' Settembru 2026 għal 30 minuta. Il-Producers huma melanie Kelly u Andreana Debattista.
32.03.23	Is-Sindku ressaq imejl dwar Tnedija tal-programm ta' taħriġ li intbgħat lil kunsilliera kollha fis-16 ta' Settembru 2026 maħruġa mid-dipartiment għal gvern lokali.
32.03.24	Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta mit-Transport Malta sabiex titneħħa kaxxa blu ta' Sa. Josephine Mihail f' 167 Triq il-Vitorja, L-Isla.
32.03.25	Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mis-Soċjeta Filarmonika La Vincitrice għat-talba tal-parkeġġ f'Boiler Wharf f' dawn id-dati 3,5,6 u 7 ta' Settembru 2026 għal-bandisti. Is-Sindku bagħat li Boiler Wharf issa miftuħ għall kulħadd *first come first serve.* Ser jirova li jkollhom għaxar parkeġġi riservati għal-bandisti.
32.03.26	Is-sindku u s-segretarju eżekuttiv resqgħu imejl mibgħuta mill-CWS sabiex il-ħaddiema jieħdu Bonus darbtejn fis-sena. Is-Sindku tkellem ċar waqt laqgħa mal-ħaddiema kollha li dawn ser jingħatawlhom il-bonus skond il-punti ta' kull kwart. Il-ħaddiema kollha għandhom i l-flokkijiet bil-logo tal-kunsill u dan għandu jintlibes għaliex jitnaqsu il-punti fuq dan ukoll. L-ammont tad-disa' ħaddiema jammontaw għall-7000 ewro. Is-Segretarju eżekuttiv staqsiet għall-approvazzjoni tal-kunsilliera preżenti u dawn irrispondew sabiex dan il-bonus jiġi approvat.
32.03.27	Is-sindku ried li jiċċara punt fuq il-permessi tal-karrijiet. il-Kunsill Lokali ma joħroġx l-ebda permess għall-karrijiet u lanqas għall-imwejjed u s-siġġijiet. Li hemm imniżżel fil-kuntratt huma biss dawk ta' quddiem l-Enchante u taħt l-slipway. is-Sindku bagħat lil tal-MTA u lil tal-lands biex jaraw huma min qed jikser il-liġi.
32.03.28	Is-Sindku ressaq l-inviti kemm tal-każin tal-Banda li ser issir riċiviment fil-1 ta' Settembru 2026 u fil-5 ta' Settembru 2026 fid-9:00pm ser issir il-kunċert il-kunsilliera u l-ħaddiema kollha huma mistiedna.
32.03.29	Is-Sindku ressaq l-invit tal-Każin tal-Pn fl-4 ta' Settembru 2026, il-kunsilliera u ħaddiema huma mistiedna.

32.03.30	Is-Sindku fakkar il-ġurnata tal-Clean up Day - Is-sibt fid-29 t' Awissu 2026 mid-9.00am il-quddiem. Ser ikun hemm aktar ħaddiema tal-Bad Boys Cleaners kif ukoll il-ħaddeiema tal-Cleansing u min irrid jista jingħaqad mal-ħaddiema volontarjament.
32.03.31	Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ordna żewgt ibnadar tal-Isla u bandiera ta' La Sengle għal fuq il-mina tal-Forti San Mikiel sabiex jitilgħu mal-arblu tal-festa.
32.03.32	Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser tingħata ċavetta tas-sala tal-Forti San Mikiel (Day Centre) lil Stefan Azzopardi White sabiex tal-festa ikunu jistgħu itellgħu u jniżlu l-bnadar għall jiem tal-festa u jużaw il-lift għall fuq il-forti.
32.03.33	Is-Sindku informa lil kunsilliera li għal żmien tal-festa qed jaħsbu biex ikun hawn ġenerator għaliex minħabba l-vultaġġ għoli kien qed immur id-dawl u qed ibiddlu t-transformers biex ikun aktar b'saħħtu u ser ikun hemm ħadiema tal-Enemalta stand by għal żmien il-festa.
32.03.34	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet id-dokument tat-tender ISLC/T/03/2026 - Supplies Tender for the supply , delivery and installation of outdoor furniture and charging facilities for Isla Local Council sabiex jitella' fuq il-gazzetta tal-gvern dan id-dokument ġie preżentat waqt il-laqgħa tal-kunsill lil kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera preżenti approvaw dan it-tender biex jiġi ippublikat fuq il-gazzetta tal-gvern.
32.03.35	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-applikazzjoni SPI/SCI/07/2026 Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 għall approvazzjoni tal-kunsill fejn ser issir l-attivita bl-isem il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann , is-sibt fis-26 ta' Ġunju 2027. Is-Sindku s-Sur Clive Pulis propona din ir-riżoluzzjoni numru 3/2026 u ġiet issekondata mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia, iffirmaw favur il-kunsilliera is-Sa. Joeline Attard u l-kunsillier Is-Sur Malcolm Gatt
32.03.36	Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ir-riżoluzzjoni Numru 3/2026 Seduta Numru 32/2026 (X) Suġġett: Approvazzjoni tal-Iskema SPI/SCI/07/2026 – Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali Annwali 2027. Is-Sindku is-Sur Clive Pulis qed jiproponi u l-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia li l-Kunsill jikkunsidra għall-approvazzjoni tiegħu l-iskema SPI/SCI/07/2026 – Finanzjament għal Attivitajiet Kulturali Annwali 2027, sabiex permezz tagħha tiġi organizzata l-attività kulturali bl-isem "Il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann", skedata li ssir nhar is-Sibt, 26 ta' Ġunju 2027. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-iskema.

32.4	**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
32.04.01	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Malcolm Gatt nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv Jistgħu issiru pest control fit-toroq għax ħiereġ kwantita ta' wirdien ? U nixtieq inkun naf meta qe issir Triq is-Sirena għaliex ir-residenti qed jgħidu li ila ma ssir. Is-Sindku wieġeb li tal-pest control bagħtu imejl lis ser jitfgħu xi valenu fit-tappieri f'dawn it-toroq fi Triq it-Tarzna fejn it-terrace, Pjazza Andrea Debono, Triq id-Duluri, Triq Sant Anġlu u Triq is-Sirena u Triq l-Arkati u Triq il-Ponta, triq is-Sur u Xatt J.B. Azopardo. Dwar il-knies ta' triq is-sirena ser jinforma lil foreman kull meta qed issir għax ilu ma jara ritratti.
31.05.02	Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla 2/4, Triq San Gużepp Isla Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk tistax tinqal it-tabella ta' quddiem il-Madonna u il-Pole u li jinħasel il-Pjazza fil-5 u fis-7 ta' Settembru wara l-Marċ ta' filgħodu? Is-Sindku wieġeb li t-Tnejn ser tinqala it-tabella u l-Pole u s-sibt 29 t' Awissu ser ikun hemm il-clean up day ukoll apparti li ser jieħu ħsieb li tal-Cleansing jaħslu l-pjazza 4 ta' Settembru fil- 5 u fis-7 ta' Settembru 2026.
32.6	**Rapporti**
32.6.02	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-*Purchase Orders* ta' Lulju 2026 fejn ġie approvat mill-Kunsillier is-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia.
32.6.02	Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-*Petty Cash* ta' Lulju 2026 fejn ġew approvati mill-Kunsillier is-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia.
32.7	**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
32.7.1	Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 8/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-kunsillier s-Sur Mario Gauci u s-sekondati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia.

32.08	**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
32.08.1	Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2026 fl-4:30p.m.

Konfermati, illum 30 ta' Settembru 2026

IFFIRMATA_____
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_____
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv